**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 31.1.10: IR-RABA ĦADD TAŻ-ŻMIEN MATUL IS-SENA**

**JUM IL-MORDA BIL-LEBBRA**

Nitolbu għal dawn il-persuni u għal dawk li jikkurawhom.

Festa ta' San Gwann Bosco li huwa Patrun tat-Tfal u taż-Żgħażagħ.

**IT-TNEJN, 1.2.10**: L-Ewwel Tnejn tax-Xahar

F'nofs inhar ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.

**IT-TLIETA, 2.2.10: FESTA TAL-PREŻENTAZZJONI TAL-MULEJ.**

**JUM IL-ĦAJJA KKONSAGRATA**

Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa u nitolbu għall-Persuni Kkonsagrati.

**Fis-6.00p.m.** quddiesa li fiha ssir **ċelebrazzjoni tal-preżentazzjoni tat-tfal** li din is-sena se jirċievu s-sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof.

Għalhekk il-ġenituri flimkien mat-tfal huma mitluba li jkunu preżenti biex jippreżentaw lill-uliedhom.

**Fis-6.30p.m.** ssir l-laqgħa tal-Grupp ta' Talb tal-Kelma ta' Alla. Tkun fis-sala parrokkjali.

**IL-ĦAMIS, 4.2.10: L-Ewwel Ħamis tax-Xahar**

**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**Fis-6.00p.m**. is-saċerdoti tal-parroċċa jikkonċelebraw flimkien biex ifakkru t-twaqqif tal-Ewkaristija u tas-Saċerdozju. F'din il-quddiesa jsir talb bis-salmi flimkien mal-ġemgħa.

**IL-ĠIMGĦA, 5.2.10: L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Xieraq nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu.

Illum ikun hawn Ġesu espost għall-Adorazzjoni mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem

**Fis-6.00p.m.** Quddiesa animata bid-daqq u l-kant

**Fit-8.30p.m.** Quddiesa għall-professjonisti fil-knisja ta' Santu Wistin Victoria. Qabel il-quddiesa jkun hemm il-qrar.

**IS-SIBT, 6.2.10: Fis-6.45p.m.** Laqgħa oħra għall-għarajjes bħala parti mill-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ.

Din tkun fis-sala parrokkjali

**IL-ĦADD, 7.2.10: IL-ĦAMES ĦADD TAŻ-ŻMIEN MATUL IS-SENA.**

Illum iċ-Ċentru tal-għoti tad-demm se jkun miftuħ mit-8.00a.m. Sas-1.00p.m. Fl-Isptar Ġenerali għal min jixtieq jagħti d-demm. Wieħed jieħu l-karta ta' l-Identita' miegħu.

**Fil-4.00p.m.** Quddiesa li fiha jiġi ċelebrat is-Sagrament tal-Magħmuidja.

**VISTI FIL-FAMLJI**

Matul il-ġranet li ġejjin se nkomplu bil-visti fil-familji ta' dawk li għandhom ulied se jirċievu l-Ewwel Tqarbina din is-sena. Dawn il-familji jiġu nformati bil-ġurnata li se jkollhom il-vista.

**HIGH TEA**

Se jiġi organizzat High Tea, mill-parroċċa nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010, fid-Dar Parrokkjali fis-7.00p.m.

**SEMINAR FL-UNIVERSITA'**

Se jsir Seminar fl-Universita' Ċentru ta' Għawdex. Dwar kif tibni Website. Dan se jkun is-Sibt 20 ta' Frar. Iktar informazzjoni miċ-Ċentru ta' l-Universita' ta' Għawdex, Tel: 2156 4559

**KOR GĦAT-TFAL (għal min hu nteressat)**

Qed jiġi ifformat Kor mit-tfal bejn id-9 u 13 il-sena biex jieħdu sehem fil-quddiesa tal-Papa f'Malta f'April li ġej. Il-provi jibdew il-Ġimgħa 5 ta' Frar fis-Seminarju. Trid timtela applikazzjoni fis-Seminarju stess minn qabel u t-tfal iridu jkunu akkompanjati mill-ġenituri tagħhom.